**29 ta' Ottubru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Giuseppe Cutajar et

*versus*

Francesco Zammit

**Appart — Xogħol — Bini — Ħlas ta' — War Damage Commission — Kumpens dovut minn**

*Is-sid jista' jiftiehem mal-bennej dwar xogħol ta' bini taħt patt li l-ħlas isir mill-kumpens mogħti ma jkunx ikopri l-prezz tax-xogħol kollu magħmul allura biex is-sid jista' jirrifjuta li jħallas irid juri li dak in-nuqqas ta' kumpens kien kawżat mill-aġir tal-bennej.*

Il-Qorti, rat l-atti ta-ċitazzjoni li bih l-attur talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtijin il-provvedimenti opportuni — il-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' tliet mija u sitta u għoxrin lira, tliet xelini u tliet soldi (£326. 3. 3d) bilanċ ta' somma akbar għall-prezz ta' xogħlijiet ta' riparazzjoni u rikostruzzjoni tal-fond numru 4, Triq Santa Marija, Bubaqra, Żurrieq, magħmula mill-atturi fuq inkariku tal-konvenut. Bl-imgħax legali minn notifika tal-ittra uffiċjali tal-għoxrin (20 ta' Frar, 1953, u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-istess ittra uffiċjali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda u d-dokumenti preżentat maċ-ċitazzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li t-talba attriċi hija infondata kif imsemmi, fid-dikjarazzjoni, u li ċioè l-atturi kellhom jagħmlu l-ħsara tal-gwerra u jikkonsenjawlu l-post lest, bil-flus li toħroġ il-War Damage Commission, mingħajr ma hu stess ikollu iħallas xejn minn butu; hu ħallashom il-flus kollha li rċieva mingħand il-Commission u ma jafx din għandiex tħallas xi ħaġa oħra; jekk l-atturi għamlu xi kalkoli ħżiena, jew għamlu xogħol li l-Commission ma approvatx, il-ħtija tagħhom u mhux tiegħu.

Rat id-digriet tagħha, diversament presjeduta, tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru, li bih ġie nominat Perit Tekniku biex jirrelata jekk il-pretensjoni ta' l-atturi hiex fondata u f'kull

*każ jistabilixxi l-ammont lilhom dovut mill-konvenut,* u jagħmel kull osservazzjoni li għandha x'taqsam mal-każ;

Rat ir-relazzjoni peritali preżentata fis-sittax (16) ta' Marzu, 1957, maħlufa fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1957, kif ukoll il-verbali tas-seduti u aċċess li żamm u d-dokumenti lilu esibiti;

Rat id-digriet tagħha diversament presjeduta tad-disa' u għoxrin (29) ta' Novembru, 1957, li bih laqgħet it-talba tal-konvenut biex jinstemgħu xhieda oħra li ma xehdux quddiem il-Perit ġudizzjarju u minnu ġa dikjarati;

Rat id-digriet ulterjuri tagħha, diversament presjeduta, tal-ħmistax (15) ta' Diċembru, 1958 li bih l-proċess ġie rinvjat quddiem il-Perit biex wara li jeżamina x-xhieda li nstemgħu quddiem il-Qorti jirrelata jekk għandux motiv jimmodifika l-konklużjonijiet minnu raġġunti, u jagħmel kull osservanza li għandha x'taqsam mal-każ;

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-Perit, preżentata fid-dsatax (19) ta' Jannar, 1960, u maħlufa fit-tmienja (8) ta' April, 1960, u l-verbali tas-seduti li reġa' żamm,

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut preżentata fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 1960, u dik ta' l-attur preżentata fis-sittax (16) ta' Diċembru, 1960;

Rat ix-xhieda mismugħa wara dina r-Relazzjoni;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u d-dokumenti preżentati sia mill-kontendenti kemm mix-xhieda;

Rat id-diversi differimenti biex tiġi avviċinata l-War Damage Commission għar-reviżjoni tal-claim preżentata mill-

konvenut;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess u semgħet lid-difensur;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel Relazzjoni tiegħu l-Perit Ġudizzjarju ssottometta li l-kontendenti kienu qegħdin jagħtu verżjoni differenti dwar il-ftehim li ppreċeda l-eżekuzzjoni tax-xogħol in kwistjoni da parti ta' l-atturi però semma li minn ċirkostanzi u fatti riżultati li jixħtu dawl fuq il-kwistjoni kien possibbli li wieħed jasal f'konklużżjoni ġusta u ekwa; hu vera li fil-fehma tiegħu din għandha tkun f'sens favorevoli għat-teżi attriċi. Fit-tieni Relazzjoni tiegħu l-Perit qal li in vista tax-xhieda li taw wara l-ewwel perizja mart u wlied il-konvenut, hu ma setax jeskludi l-buona fede tal-konvenut meta qal li l-atturi kellhom jirċievu l-flus li tħallas il-War Damage Commission, u spjega kif seta' nqala' l-malintiż bejn il-kontendenti li wassal għall-kawża preżenti; apparti minn osservazzjonijiet oħrajn, il-Perit qal ukoll li minn osservazzjonijiet oħrajn, il-Perit qal ukoll li minn eżami tar-rettifiki f'li skeda tax-xogħlijiet da parti tal-Kummissjoni jirriżulta li n-nuqqas minn din prattikat mhux kollu dovut għall-ħtija li l-konvenut irid jattribwixxi lill-atturi (fis-sens li dawn bdew jaħdmu bla istruzzjoni ta' ħadd b'mod li x-xogħol imniżżel fl-iskeda mill-konvenut ma setax jiġi spezzjonat kollu mill-Kummissjoni qabel ma nbeda x-xogħol u diversi partiti ġew miċħuda mħabba l-impossibilità ta' spezzjoni simili) iżda għall-ħtijiet oħrajn li għalihom l-atturi qatt ma setgħu jkunu responsabbli (e.g. li partita ma tkunx eżistiet qabel il-ħsara tal-gwerra) u kwindi lill-atturi dejjem hu dovut l-ammont ta' nuqqasijiet simili li flimkien hu llikwida li jilħqu mija u sitta u ħamsin lira, tlettax-il xelin u tmien soldi (£156 13s. 8d).

Illi l-kontendenti m'għamlu ebda osservazzjoni dwar din

l-aħħar sottomissjoni, li fil-fatt tirriduċi l-kontestazzjoni bejniethom billi dina allura tibqa' għad-differenza bejn dan l-ammont u t-talba ta' tliet mija u sitta u għoxrin lira, tliet xelini u tliet soldi (£326.3.3.) imsemmija fiċ-ċitazzjoni, il-kontendenti llimitaw ruħhom għall-mod kif sar il-ftehim u għal mod kif svolġew ruħhom il-fatti dwar bidu u eżekuzzjoni tax-xogħol, u fuq ċifri ma tkellmu xejn. L-istess kwistjoni setgħet tiġi iżjed limitata kieku wieħed avviċina lill-Kummissjoni u din kienet tirrevedi d-deċiżjoni preċedenti tagħha; iżda minn dan ma sar xejn kif jirriżulta mill-verbal tad-diversi differimenti mogħtija għal dan l-iskop.

**Ikkunsidrat:**

Illi bħala fatt il-kontedenti jaqblu li l-claim quddiem il-Kummissjoni kellha tibqa', kif baqgħet, f'isem il-konvenut u li skeda tax-xogħol ġiet preżentata f'ismu u lilu saru l-ħlasijiet li l-Kummissjoni għamlet; jirriżulta wkoll bħala fatt li lill-atturi ġiet mogħtija pjanta tax-xogħol li huma kellhom jaħdmu fuqha.

Illi, kif ġa ntqal, il-Perit semma kif seta' ġara l-malintiż li wassal għall-kawża preżenti fis-sens ċioè li l-konvenut ried jiftiehem b'mod li hu ma jħallasx minn tiegħu, oltre l-kumpens li tħallas il-Kummissjoni mentri li l-atturi riedu jaħdmu birrati tal-Gvern. Issa hu intuitiv li la darba dawna r-rati ġew maħluqa proprju għall-finijiet tal-kumpens dovut biex tissewwa ħsara derivanti mill-gwerra, ebda kwistjoni ma setgħet tinqala bejn il-kontendenti li kieku (a) il-konvenut kien jitlob lil Kummissjoni li jsemmi l-ħsara dovuta għall-gwerra u kien jistenna mingħand l-atturi li jsewwulu l-istess ħsara u (b) ebda raġuni ma kien hemm biex il-kumpens dovut għall-istess ħsara jsofri xi nuqqas.

Illi l-kondizzjoni msemmija fl-ewwel lok għandha neċes-

sarjament titqies a bażi tal-fehim bejn il-kontendenti billi dan kellu bħala oġġett tiegħu li l-atturi jieħdu x-xogħol tar-riparazzjoni u rikostruzzjoni tal-fond tal-attur li kien sofra ħsara *dovuta għall-gwerra*, mentri li d-domanda lil Kummissjoni kellha ssir *mill-konvenut bħala sid; hija ġusta* għalhekk l-osservazzjoni tal-Perit Gudizzjarju ġa riferita, fis-sens li n-nuqqasijiet li din deherilha tagħmel dwar il-ħsara dikjarata mill-konvenut u mhux ammessa bħala tali mill-Kummissjoni m'għandhom qatt ibatuhom l-atturi; li f'kull każ kellhom dritt jassumu li l-konvenut kien intitolat *għall-kumpens* dwar kull partita xogħol li qallhom biex jagħmlulu u mbagħad jirċievu dan il-kumpens; l-istess jingħad għal xi diskrepanzi bejn il-ħsara dikjarata fl-iskeda u x-xogħol skond il-pjanta konsenjata lill-atturi. Il-kondizzjoni, imbagħad, imsemmija fit-tieni lok, għandha tiftiehem, in vista ta' l-osservazzjoni li saret, fis-sens li *n-nuqqas tal-kumpens ikun sar minn kumpens* verament dovut ċioè dak li l-Kummissjoni kienet tkun disposta tħallas kieku ma *kienx għal xi ħtija ta'* xi ħadd mill-kontendenti li, skond il-liġi, tiġġustifika l-istess nuqqas, u li m'hix dak li ġa ssemmiet relativa għall-konvenut.

Illi dina l-ħtiġa diġa semmiet u li dik li l-konvenut qed jattribwixxi lill-atturi konsistenti filli huma bdew ix-xogħol mingħajr ħadd ma qabbadhom u hekk il-Kummissjoni, li ma setgħetx tivverifika x-xogħol kollu ndikat fl-iskeda preżentata mill-konvenut ma ħallsitx il-kumpens għall-partiti li ma setgħux jiġu hekk verifikati. Huwa dana l-punt għalhekk li jrid jiġi solvut u s-soluzzjoni tiegħu tkun ukoll is-soluzzjoni tal-kwistjoni odjerna.

Illi fuq dana l-punt l-atturi jgħidu li bdew jaħdmu għax qalilhom il-perit *inkarikat mill-konvenut stess*, mentri li dan il-perit qal li ma setax jiġri hekk peress illi hija l-prattika tiegħu li ma jagħtix istruzzjonijiet biex jinbeda x-xogħol qabel ma jara li kollox kien regolari dwar il-proċedura mal-Kummis-

sjoni għall-Ħsarat tal-Gwerra. Kwantu għall-konvenut stess dan igħid li l-ftehim mal-atturi, meta l-perit ma kienx preżenti, sar f'*Santa Marija* tas-sena 1948, u l-atturi bdew ix-xogħol ix-xahar ta' wara; hu mar jarahom iħammlu xi ġimgħa wara (ibidem); sadanittant hu qal li kienet għadha ma saritx talba lil War Damage u hu għad ma kienx qabbad perit, u ma jafx jekk dan kienx jaf li l-atturi kienu jaħdmu (ibidem). Issa apparti l-fatt li dawn l-aħħar żewġ dikjarazzjonijiet huma nkompatibbli għax il-perit ma setax ikun jaf li l-atturi kienu jaħdmu jekk kien għadu mhux imqabbad, u kwindi aktarx li l-perit kien ġa mqabbad, u apparti wkoll li skond ix-xhieda ta' Giuseppe Zammit, bin il-konvenut, il-perit verament kien imqabbad għaliex dan igħid li dikinhar tal-ftehim ġiet konsenjata lill-atturi pjanta ffirmata mill-istess perit, hu evidenti li meta ħadu x-xogħol l-atturi kellhom interess u anki dover li jibdew jaħdmu u la darba bdew u l-konvenut, li rahom, ma qallhom xejn, ma jistgħux jiġu ritenuti fi ħtieġa jekk f'dak l-għemil tagħhom il-konvenut, li kien żamm għalih li jinoltra d-domanda quddiem il-Kummissjoni, kien għadu m'għamilx dan. Fil-fatt din kienet għadha ma saritx, għaliex jirriżulta li saret fl-għaxra (10) ta' Novembru ta' dik l-istess sena, permezz tal-perit, imqabbad mill-konvenut li għalhekk taħt kull aspett u għal kull fini għandu jitqies il-mandatarju tal-konvenut għalkemm l-atturi kienu tenuti li jaħdmu taħt id-direzzjoni tiegħu. Però hemm iżjed minn hekk: il-perit kiteb lill-attur Ellul fit-tmintax (18) ta' Ottubru, 1948 u qallu biex ma jibqax jaħdem qabel ma jgħidlu hu (i.e. il-perit); dan ifisser li l-perit kien jaf li dan l-attur kien beda jaħdem qabel dikinhar, u prova ta' dan hemm il-fatt l-ieħor li fl-ittra tal-perit lil Kummissjoni tal-għaxra (10) ta' Awissu, 1950 dan kiteb li seta' jagħti dettalji tal-ġarr tad-debris u għamel enfasi fuq il-ħtieġa li s-sit jitnaddaf minħabba rikjesti nsistenti da parti tad-Dipartiment tas-Saħħa; anke dak li jingħad fl-ittra l-oħra tal-perit, tkompli tikkonferma dan, billi f'din l-aħħar ittra l-perit se mai jilmenta mill-bini tal-pedamenti u mhux mir-rimozzjo-

ni tad-debris stess, u ebda xogħol ta' demolizzjoni ma jissemma. Dan kollu jfisser li l-atturi bdew jaħdmu fil-kors normali tal-affarijiet u b'dan kienu jafu sia l-konvenut *kemm-il perit* tiegħu u ma ġewx miżmuma ħlief wara żmien, meta huma waqfu sakemm ġew informati biex ikomplu u allura komplew u sar ix-xogħol, li tiegħu qegħdin jitolbu l-ħlas, skond ftehim li sar mal-konvenut li allura kien jaf bid-deduzzjoni li kienet għamlet il-Kummissjoni.

Illi mill-premess hu evidenti li l-atturi ma kellhom ebda tort f'dak li ġara u *kwindi għandhom jitħallsu tax-xogħol* li għamlu, f'dana s-sens ukoll huma l-fatti rilevanti mill-perit dwar il-ftehim bejn il-kontendenti rigward xogħol li kellu jsir wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u l-mod kif sar il-kont, u xi konsiderazzjonijiet oħra li ssottometta u li m'hemmx għalfejn li jiġu hawn ripetuti. Kwantu għall-ammont dovut lill-atturi għax-xogħol li għamlu ma tqajmet ebda oġġezzjoni da parti tal-konvenut, u lanqas ma hemm kwistjoni fuq l-akkonti li tħallsu lilhom; del resto, il-kont li fuqu l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas ġie preparat fuq inkariku tal-kontendenti u ħadd minnhom ma kkritikah.

Għal dawna l-motivi, u dawk tal-perit tekniku sa fejn kompatibbli mal-istess;

Il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.